# *Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

### ***Laqgħa numru 26***

***5.30p.m 24 ta' Frar 2021***

### ***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### ***Assenti b'apoloġija***

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *26.1 Approvazzjoni tar-Riżultati Finanzjarji 2020*

26.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-rappresentanta tal-kumpanija Reanda Malta sabiex tispjega fid-dettal ir-riżultati finanzjarji tal-Kunsill Lokali tal-Marsa għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2020. Matul dan il-perjodu ġie rreġistrat defiċit marġinali ta' ftit aktar min €38,000. Madankollu, dan ir-riżultat kien ferm pożittiv għaliex dan kien in-nofs tas-€72,000 defiċit li ġie rreġistrat matul l-istess perjodu taas-sena preċedenti. Apparti min hekk it-tnaqqis li ġie rreġistrat kien primarjament dovut minħabba t-tnaqqis tal-valur tal-assi fissi tal-Kunsill, liema divalwazzjoni ser tkompli tonqos matul is-snin li ġejjin. Naturalment kien hemm żieda fl-infieq tal-paġi u onorarja matul is-sena u żieda fl-infieq tal-Kunsill, liema infieq kien qed jagħmel tajjeb għalih iż-żieda fid-dħul tal-fondi tal-Gvern Ċentrali. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda dawn ir-riżultati filwaqt l-vot favur kien unanimu.

## *26.2 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report 2020*

26.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-accounant tal-Kunsill tgħati rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għal matul l-aħħar kwart tas-sena 2020 jiġifieri għall-perjodu ta' bejn l-ewwel t'Ottubru u l-aħħar jum ta' Diċembru tas-sena 2020. Is-Sinjura Angele Borg spjegat li r-riżultati finanzjarji f'dan id-dokument huma mera ta' dak li rajna fir-rapport finanzjarju sħiħ għas-sena 2020. Madankollu, l-unika figura li mhux ser insibu fir-riżultati finanzjarji totali hija il-Financial Services Indicator FSI, fejn rajna li dak l-indikatur għamel titjib min dak irreġistrat fis-sena preċedenti fejn l-FSI kien 1, filwaqt li għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2020 dan tela' għal 3. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *26.3 Approvazzjoni tal-Budget Plan 2021-2026*

26.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-accountant tal-Kunsill sabiex jitressaq il-Budget Plan għall-ħames snin li ġejjin kif titlob il-liġi tal-Kunsill Lokali. Hawnhekk rajna li l-asspettattivi huma pożittivi hekk kif matul is-sena li ġejja qed jiġi previst li l-FSI tal-Kunsill ikompli jitjieb għall-livell ta' 14. Naturalment filwaqt li hemm stennija li l-ispejjeż ikomplu jiżdiedu huwa diffiċli li tipprevedi l-andament finanzjarju għal dawn il-ħames snin li ġejjn. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar x'jista' jsir meta il-Kunsill ikun qiegħed jonfoq fuq tender iktar milli jkun jiflaħ. Is-Sindku rrimarka li fil-fatt jekk wieħed jieħu it-tender tal-knis il-Kunsill ma setgħax jkollu ħames kenniesa kif xtaq oriġinarjament minħabba li l-allokazzjoni ma kinitx tippermetti. Madankollu, huwa importanti li l-Kunsill dejjem jibqa' jfittex fil-futur metodi ta' akkwist li fihom jnaqqas l-infieq

minħabba li dawn dejjem qed jiżdiedu. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *26.4 Approvazzjoni tal-Budget Annwali 2021*

26.4.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq id-dokument finali dwar il-budget annwali fejn l-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Borg spjegat li l-informazzjoni li hemm f'dan id-dokument huwa eżatt l-istess informazzjoni li wieħed isib fil-Budget Plan u li fil-fatt l-estimi ta' dan ir-rapport jinħadmu propju fuq l-istess figuri. Wara li ma kien hemm l-ebda mistoqsija oħra, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *26.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

26.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m u ġiet aġġornata għad-10 ta' Marzu fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv